# FIL-QORTI ĊIVILI

# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## ONOR. IMĦALLEF

## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum il-Ġimgħa 10 ta' Marzu, 2023**

**Kawża Nru. 1**

**Rik. Nru. 97/2021 ISB**

**66North Holding LUX S.A.R.L. soċjeta estera reġistrata ġewwa Lussemburgu kif debitament rappreżentanta mill-mandatarju speċjali tagħha l-Avukat Antoine Cremona (K.I. 11980G) ta' 171, Old Bakery Street, Valletta, VLT1455**

**Vs**

**Molden Enterprises Limited (C 59862)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**rikors** ta' **66North Holding LUX S.A.R.L. soċjeta estera reġistrata ġewwa Lussemburgu kif debitament rappreżentanta mill-mandatarju speċjali tagħha l-Avukat Antoine Cremona,** intavolat fit-13 ta' Gunju 2022, li permezz tiegħu huwa talab lill-Qorti sabiex:

*din l-Onorabbli Qorti, salv kwalunkwe digriet, provvediment jew ordni li jidhrilha xieraq, joghgobha tirrevoka l-Provvediment taghha contrario imperio u tipprocedi sabiex taghti provvediment u tiddeciedi r-rikors billi tilqa' t-talbiet taghha maghmula fl-istess*,

U dan wara li ppermetta:

*1. Illi permezz ta' provvediment mogħti fit-13 ta' Mejju 2022 (il-"**Provvediment**" hawnhekk anness u mmarkat bħala **Dok A**) din l-Onorabbli Qorti ċaħdet it-talbiet tas-soċjetà rikorrenti kif promossi bir-rikors tagħha tas-17 ta' Novembru 2021;*

*2. Illi skont il-Provvediment, it-talbiet fir-rikors promotur tas-soċjetà rikorrenti ġew miċħuda għas-segwenti raġunijiet:*

*a. Li s-soċjetà rikorrenti kienet qed tistrieħ fuq Artikolu 214(5)(a) tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta) (l-"**Att**"); <u>u</u>*

*b. Li r-rekwiżit taħt Artikolu 214(5)(a) tat-trapass ta' 24 ġimgħat <u>mill-eżekuzzjoni</u> ta' titolu eżekuttiv ma kinitx sodisfatta għaliex ma rriżultax li s-soċjetà intimata kienet ġiet innotifikata bil-Mandat ta' Sekwestru Nru 112/2019 (il-"**Mandat**") (jew f'dan il-każ bin-nota konverżjoni tal-21 ta' Jannar 2021);*

*3. Illi s-soċjetà rikorrenti umilment tissottometti li t-talba tagħha saret ai termini tal-Artikolu 214(2)(a)(ii) tal-Kap 386 u fil-fatt hija ġabet provi kemm ai termini tal-Artikolu 214(5)(b), permezz tal-atti tal-mandat in kwistjoni, **<u>imma kif ukoll, ai termini tal-Artikolu 214(5)(a) — li fl-umli fehma tar-rikorrenti din l-Onorabbli Qorti naqset milli tikkunsidra</u>**.*

*4. Illi bl-akbar umilta', l-esponenti odjerna tiddikjara li ma taqbilx mal-konklużjoni ta' din l-Onorabbli Qorti fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 214(5)(b). Is-soċjetà rikorrenti tissottometti li r-rekwiżit stabbilit taħt Artikolu 214(5)(a) tal-Att ma jirrikjedix li l-att eżekuttiv jiġi notifikat lid-debitur f'każ ta' mandat ta' sekwestru, imma huwa biżżejjed li jiġi notifikat lil imqar sekwestratarju wieħed, u dan skont l-interpretazzjoni mogħtija lil*

*dan l-Artikolu mill-Qrati nostrana inkluż fost oħrajn fis-sentenza Supreme Travel Limited vs Explore Malta Limited.*[1]

*Fi kwalunkwe każ, tajjeb li wieħed jgħid li s-soċjetà intimata ġiet notifikata bil-proċeduri odjerni direttament fuq id-direttur tagħha u xorta naqset milli tipparteċipa f'dan il-proċeduri u fil-fatt qiegħda fi stat ta' kontumaċja;*

*5. Illi l-esponenti iżda mhix qiegħda bil-preżenti rikors titlob revoka ta' dik il-konklużjoni fuq dik il-parti tar-rikors promotur;*

*6. Illi s-soċjetà rikorrenti umilment tissottometti li t-talba tagħha saret ai termini tal-Artikolu 214(2)(a)(ii) tal-Kap. 386 u fil-fatt hija ġabet provi kemm ai termini tal-Artikolu 214(5)(b), permezz tal-atti tal-mandat in kwistjoni,* ***<u>imma kif ukoll ai termini tal-Artikolu 214(5)(a) – li fl-umli fehma tar-rikorrenti din l-Onorabbli Qorti naqset milli tikkunsidra;</u>***

*7. Illi din kienet simili għas-sitwazzjoni f'Supreme Travel Limited vs Explore Malta Limited,*[2] *fejn din l-Onorabbli Qorti għamlet analiżi taħt iż-żewġ fergħat ta' Artikolu 214(5) minkejja l-fatt li ssemma 214(5)(a) fil-premessi:*

*Fil-kaz tal-lum, ma kienx specifikat mir-rikorrenti fuq liema miz-zewg sitwazzjonijiet qeghda ssostni li l-intimata ma tistax thallas id-djun taghha.*

*Madanakollu minn ezami tal-premessi jidher illi qeghda toqghod fuq l-ewwel sitwazzjoni.*

*Dan premess, sabiex ma thalli xejn barra, il-qorti sejra tqis iz-zewg sitwazzjonijiet u tara xi provi tressqu fir-rigward ta` kull wahda.*

*8. Illi fis-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fid-deċiżjoni tagħha tat-28 ta' Mejju 2003 fil-kawża Axel John International AB vs Aluminium Extrusions Limited, sostniet:*

*'Din il-kondizzjoni tista' tiġi verifikata permezz tal-balance sheets wara li jiġi kunsidrat jekk l-assets are less than its liabilities. Izda … it is not sufficient for the company to be able to meet its current obligations if its total liabilities can ultimately be met only by the*

[1] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, Rik Nru 1088/16 JZM, sentenza datata 13 ta' Lulju 2017

[2] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, Rik Nru 1088/16 JZM, sentenza datata 13 ta' Lulju 2017

*realization of its assets over a lengthy period (**RE: European Life Assurance Society** 1869 LR 9 Eq 122).*

***Għalhekk ma hemmx raġuni għaliex il-kredituri għandhom joqgħodu jistennew sakemm il-kumpannija tbiegħ l-assets tagħha biex forsi xi darba jitħallsu'***

*9. Illi s-soċjetà rikorrenti ġabet provi li kontijiet finanzjarji riċenti li jistgħu jagħtu stampa tal- passiv kontinġenti u prospettiv tas-soċjetà intimata ma jeżistux, b'dan illi rappreżentanta tal-Malta Business Registry Dr Claudette Fenech xehdet fit-28 ta' Frar 2022 li:*

***Xhud**: Bażikament jien ġejt mitluba sabiex nippreżenta tal-aħħar ħames snin, dawn qatt ma ġew jiġifieri huwa impossibli min naħa tiegħi li nippreżenthom. Issa rigward l-aħħar wieħed li daħal kien ta' 2013.*

*10. Illi kopja tal-aħħar kontijiet finanzjarji tas-soċjetà intimata għas-sena finanzjarja 2013 ma ġietx formalment ippreżentata, peress illi issa għaddew kważi għaxar snin u mhux ser jagħtu stampa reali tal-qagħda finanzjarja illum il-ġurnata tas-soċjetà intimata;*

*11. Illi kif qalet din l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta fit-18 ta' April 2011 fl-ismijiet Mark Nurton u Paul Nurton vs PMN International Ltd (C 39129) u Nadia Boggiano,[3] f'sitwazzjoni fejn saret ordni ta' xoljiment u konsegwenti stralċ abbażi ta' Artikolu 214(2)(a)(ii) flimkien ma' Artikolu 214(5)(b) minkejja l-fatt li ma kien hemm l-ebda kontijiet finanzjarji riċenti tas-soċjetà debitriċi għas-sentejn ta' qabel:*

*Din il-Qorti tinnota li **l-management accounts ta` PMN ghaz-zmien ta` bejn l-1 ta` Jannar 2008 u l-31 ta` Marzu 2011 baqghu ma gewx prezentati bhala prova f`din il-kawza**. **Nafu biss li baqghu ma gewx audited u allura lanqas kienu prezentati lir-Registratur tal-Kumpanniji**. **L-accounts ghandhom jitlestew u jigu pprezentati regolarment u fil-hin, ghax b`hekk il-kredituri jkollhom opportunita` jqisu s-sahha finanzjarja tal-kumpanija meta jigu biex jinnegozjaw maghha**.*

[3] Rik Nru 1165/2009

*…*

*Din il-Qorti mhix qeghda tara l-possibilita` reali llum li ilha wieqfa kwazi sentejn li PMN terga` tqum mill-gdid, tirristabilixxi l-goodwill taghha, tikseb lura l-klijenti taghha u fuq kollox nifs minghand il-kredituri taghha u business partners ohra li ghad tkun trid tittratta maghhom fil-futur u allura thallas id-djun taghha.* ***Kumpanija hija insolventi meta tieqaf thallas id-djun taghha u mhux mehtieg li jintwera li m'ghandhiex mnejn thallas.***

***Din il-Qorti tghid li r-rikorrenti ppruvaw ghas-sodisfazzjon taghha li PMN hija insolventi u ghandha ghalhekk tigi xjolta u stralcjata skond l-Art.214(2)(a)(ii) u l-Art.214(5)(b). B'dak il-mod ebda wiehed mill-kredituri ma jiehu vantagg indebitu, u l-istralc tal-kumpannija jsir taht il-kontroll tal-Qorti****.*

*12. Illi huwa sottomess li l-fatt li ma kien hemm l-ebda ċedola fl-atti tal-Mandat, avolja kien hemm indikat 26 sekwestratarja, jagħti indikazzjoni ċara li s-soċjetà intimata m'għandhiex assi (jew mill-inqas biżżejjed assi) biex tħallas lis-soċjetà rikorrenti id-dejn tagħha, u dan fid-dawl ukoll tal-assenza ta' kontijiet finanzjarji riċenti u tal-fatt li l-issued share capital tas-soċjetà intimata hija biss 2,000 ishma ta' valur nominali ta' USD$1 kull sehem;*

*13. Illi 'l fuq minn hekk, is-soċjetà rikorrenti ġabet provi li r-Reġistratur tal-Kumpanniji kien beda l-proċess tad-defunct companies kontemplat taħt Artikolu 325 tal-Att, meta xehdet ir-rappreżentanta tal-Malta Business Registry Dr Claudette Fenech:*

***Av. Cassar Pullicino****: … qatt ma daħlet l-informazzjoni dwar l-ultimate beneficiary owners tal-kumpanija?*

***Xhud****: Lanqas, lanqas, għalhekk kienet ser tibda il-proċedura ta' defund imma kien hemm kreditur li xtaq li jħalliha fuq ir-reġistru allura within those 3 months li ttih il-liġi , jagħmel l-oġġezzjoni li tiġi struck off.*

*14. Illi din il-proċedura ta' defunct companies waqfet biss wara li s-soċjetà rikorrenti bagħtet l-oġġezzjoni tagħha lir-Reġistratur tal-Kumpanniji, u dan sabiex tissalvagwardja kwalunkwe assi li s-soċjetà intimata jista' jkollha għall-benefiċċju*

*tal-kredituri* <u>*kollha*</u> *tagħha, u sabiex l-istralċ tagħha jsir taħt il-kontroll ta' din l-Onorabbli Qorti;*

*15. Illi għalhekk huwa umilment sottomess li jeżistu wkoll raġunijiet għal ordni ta' xoljiment u konsegwenti stralċ kontra s-soċjetà intimata abbażi ta' Artikolu 214(5)(b) tal-Kap. 386, minħabba l-fatt li huwa impossibbli sabiex is-soċjetà rikorrenti tivvaluta u tagħmel analiżi tal-pożizzjoni tas-soċjetà intimata, u jidher li s-soċjetà intimata abbandunat il-presenza tagħha f'din il-ġurisdizzjoni darba għal dejjem u ħalliet id-djun kollha tagħha warajha;*

*16. Illi, dejjem fl-umli fehma tas-soċjetà rikkorenti, f'dan il-każ odjern, eċċezzjonalment jeżistu l-estremi tal-liġi sabiex din l-Onorabbli Qorti, kif presjeduta, teżerċita l-ġurisdizzjoni residwa tagħha sabiex tikkontrolla legalità ta' dak li sar fl-eżerċizzju tal-awtorità ġudizzjajrja meta l-illegalità tkun ċara ("bad on the face") u ma tkunx tista' tiġi rimedjata mod ieħor (ara Avukat Ġenerali et vs Nicolai Magrin et Qorti tal-Appell (24 ta' Novembru 2017 (Ref. 674/2010)*

Rat id-digriet taghha tal-15 ta' Gunju 2022, minn fejn jirrizulta illi r-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-28 ta' Settembru 2022.

Rat l-provvediment tagħha tat-13 ta' Mejju 2022 li permezz tieghu din il-Qorti ċaħdet it-talbiet rikorrenti kif maghmula fir-rikors promotur tas-17 ta' Novembru 2021, stante illi ma rriżultalhiex illi s-soċjeta intimata kienet notifikata bil-Mandat ta' Sekwestru 112/19 u b'riżultanza bħal din, diffiċli tirnexxi l-azzjoni proposta hawnhekk mis-soċjeta rikorrenti ai termini tal-Artikolu 214(5)(a) tal-Kap 386.

Rat illi fl-udjenza tat-28 ta' Settembru 2022 la dehret is-socjeta' intimata u lanqas d-difensur taghha minkejja illi kienet debitament notifikata, u l-Qorti qieset ghalhekk lis-socjeta' intimata fi stat ta' kontumacja. F'din l-istess seduta id-difensuri tas-socjeta' rikorrenti talba illi jaghmlu sottomissjonijiet verbali, u l-kawza thalliet ghal dan il-ghan ghall-5 ta' Ottubru 2022.

Rat illi fl-udjenza tal-5 t'Ottubru 2022 dehru d-difensuri tas-socjeta' rikorrenti u ttrattataw verbalment u l-kawża tħalliet għal-lum għall-provediment.

Rat l-atti l-ohra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi dan huwa proċediment li ttieħed mis-socjeta' rikorrenti ai termini tal-Artikoli **214(2)(a)(ii) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta**, liema procediment kien deciz bi provvediment finali ta' din il-Qorti tat-13 ta' Mejju 2022, u in segwitu ghall-liema provvediment, permezz tar-rikors tas-soċjeta` rikorrenti intavolat fit-13 ta' Ġunju 2022, is-soċjeta rikorrenti talbet lil din il-Qorti tirrevoka *contrario imperio* d-decizjoni tagħha tat-13 ta' Mejju 2022 u tikkunsidra t-talba tagħha kif dedotta fir-rikors promotur billi terġa tikkunsidra l-posizzjoni tagħha taħt il-parametri tal-Artikolu 214(5)(a) u kif ukoll tanalizza s-sitwazzjoni tas-soċjeta` intimata taħt il-parametri tal-Artikolu 214(5)(a) u (b) tal-Kap 386.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi din il-Qorti hadet nota tal-paragrafu 16 tar-rikors odjern u tad-decizjoni hemmek indikata, minn fejn jirrizulta illi l-Qorti affermat il-principju illi "*l-Qrati ordinarji jibqghu moghnija bil-poteri residwali taghhom li jissindakaw l-operat ta' tribunal u qrati ohra, sakemm l-istharrig ikun limitat ghal raguni gravizzimi*". Il-Qorti tqis ghalhekk illi hija l-istess rikorrenti illi qeghda iggib a konjizzjoni l-ezami illi jrid isir dwar l-irritwalita' o meno tal-procedura hawnekk diskussa.

Issa din il-Qorti fliet ir-rikors tas-socjeta' rikorrenti tat-13 ta' Lulju 2022, minn fejn jirrizulta illi l-istess rikors **mhux mahluf** u li dak li qed jintalab huwa r-revoka *contrario imperio* tal-provvediment ta' din il-Qorti stess u tipprocedi sabiex taghti provvediment u tiddeciedi r-rikors billi tilqa' t-talbiet taghha maghmula fl-istess.

Il-Qorti tqis illi dak li qed jintalab hawnekk mhux tant illi din il-Qorti "*tezercita l-gurisdizzjoni residwa taghha sabiex tikkontrolla legalita' ta' dak li sar fl-ezercizzju tal-awtorita' gudizzjarja*" taghha, izda illi l-istess Qorti illi tat il-provvediment tat-13 ta' Mejju 2022 terga' tikkonsidra mill-gdid it-talbiet mressqa fir-rikors promotur tas-17 ta' Novembru 2021 u filwaqt illi

tirrevoka *contrario imperio* l-provvediment taghha tat-13 ta' Mejju 2022, tilqa' t-talbiet originali kif mressqa.

Il-Qorti tibda biex tghid illi ghandu jkun pacifiku jinghad illi bil-provvediment moghti fit-13 ta' Mejju 2022, il-Qorti ghalqet il-proceduri bin-numru 97/2021ISB, u huwa daqstant iehor pacifiku jinghad illi minn tali provvediment, ma hemmx lok ghal appell.

Din il-Qorti tibda biex taghmel referenza ukoll ghal dak deciz mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet ***AJD Tuna Limited (C–26300) vs Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd u l-Avukat Ġenerali, illum il-ġurnata magħruf bħala l-Avukat tal-Istat*** *tal-24 ta' Awwissu 2020,* fejn intqal illi

> *Digriet 'contrario imperio' jista' jinghata biss fejn il-kawza tkun ghadha tinstema' u mhux fejn tkun saret gudikat. Dan ifisser ukoll li, mqarr jekk AJD kellha raguni tajba, l-att li ressqet biex ghamlet it-talba taghha ma kienx jiswa`.*

Il-Qorti tirreferi ukoll ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell tas-*27 ta' Novembru, 2009 fl-ismijiet* ***Jonathan Shaw u Christopher Knights f'ismu proprju u bhala mandatarju specjali ta' Peter Knights u Adam Knights ilkoll bhala azzjonisti tal-kumpanija Inspire Limited vs David Alan Shaw azzjonista tal-kumpanija Inspire Limited u l-kumpanija Inspire Limited*** li ghalkemm tittratta Appell minn provvediment moghti ai termini tal-Artikolu 402 tal-KAP 386, il-principji jibqghu rilevanti u applikabbli anke ghall-kaz odjern kif msejjes fuq l-Artikolu 218(1) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ukoll issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***Arkitett Raymond Vassallo, ID 107544(M) u ghal kull interess li jista` jkollha martu Mariella Vassallo, ID 2649(M) kontra Anthony Parlato Trigona u Ingrid Parlato Trigona, mizzewgin; William Carbonaro u Gabriella Carbonaro, mizzewgin; Edward Micallef u Anna Micallef, mizzewgin; u Regent Holdings Limited (C-2130) ghal kull interess li jista` jkollha*** minn fejn jirrizulta, ukoll fil-kuntest tal-Artikolu 402 tal-Kap 386 imma li l-Qorti issib ugwalment applikabbli ghal kaz odjern:

> *Stabbilit dan kollu, din il-Qorti f'dawn il-proceduri tirribadixxi illi ladarba l-legislatur taghna inkorpora l-elementi tad-derivative action f'dak li hu llum l-Artikolu 402 tal-Kap 386, allura jsegwi, anki*

> *abbazi tal-gurisprudenza kollha hawn fuq citata, tali azzjoni ma ssibx ezistenza indipendenti mill-provvedimenti tal-Artikolu 402.*
>
> *Lanqas ma tista' tigi ammessa azzjoni li ma tezistiex fid-Dritt Malti minhabba l-affermazzjoni tar-rikorrenti illi jekk tali azzjoni tigi michuda, huma jisfaw minghajr rimedju. Ma jispettax lill-Qorti illi tipprovdi rimedju alternattiv ghal xi parti jew ohra jekk mhux kontemplat fil-ligi. Id-dmir tal-Qorti huwa li taghti gudizzju ai termini tal-ligi u mhux legalment konsentit li qorti li, minhabba c-cirkostanzi tal-kaz, tiddikjara bhala ammissibbli azzjoni li ma tinkwadrax fis-sistema legali taghna.*
>
> *Fil-kaz odjern l-azzjoni hija legalment improponibbli ghax ir-rikorrent Raymond Vassallo f'ismu proprju et nomine ma setghax jistitwixxi proceduri barra mill-parametri tal-Artikolu 402, kif jirrizulta manifestament li sar fil-kawza odjern.*

Jidher ghalhekk pacifiku jinghad illi gja la darba bil-provvediment tat-13 ta' Mejju 2022 din il-Qorti ghalqet b'mod definittiv il-procedura illi kellha quddiemha bin-numru 97/2021ISB, u gja la darba ma hemmx appell minn tali provvediment, allura l-procedura idoneja ghar-rikorrenti jidher illi kienet dik ta' rikors guramentat b'talba ghal impunjazzjoni u revoka *contrario imperio* ta' l-imsemmi provvediment, fejn l-ezitu jkun sentenza u minn liema sentenza ikun hemm dritt ta' Appell lill-Qorti tal-Appell – hekk kif segwit fil-procedura b'rikors guramentat 340/2017MC fl-ismijiet **Suzanne Busuttil et noe vs Francis Busuttil & Sons Limited et** wara l-provvediment moghti minn din il-Qorti diversament preseduta fir-rikors numru 12/2015JZM. F'din is-sentenza intqal hekk:

> *Il-kawza odjerna qed issir biex l-atturi jimpunjaw dak id-digriet. Kif gustament rilevat fil-preambolu ghar-rikors guramentat, l-atturi jissottomettu illi kif gie deciz fil-process 642/2012 fl-ismijiet Suzanne Busuttil et u Francis Busuttil & Sons Limited et, mhux ammissibbli appell minn provvediment taht l-artikolu 402 tal-Kap. 386 izda jista' jigi revokat biss bi proceduri appositi mehuda in kontradittorju fil-Qorti li tkun mitluba li tirrevoka dak id-digriet u minn tali decizjoni jkun hemm dritt ta' appell lil Qorti tal-Appell.*
>
> *Dan iwassal ghal kunsiderazzjoni legali dwar in-natura tal-azzjoni odjerna. Kif intqal fis-sentenza fuq riferita ma hemmx dritt ta' appell minn provvediment tal-Qorti dwar l-artikolu 402 tal-Kap.*

*386. Dan ifisser illi l-provvediment fil-mertu tieghu ghandu jitqies finali. Il-kontradittorju mhuwiex intiz biex jerga` jinfetah il-mertu mill-gdid qisha l-procedura u l-provvediment taht l-artikolu 402 ma kellha ebda valur. Il-kontradittorju biex jigi revokat provvediment irid jigi inkwadrat fil-poter residwali moghti lil-Qrati Ordinarji biex jissindakaw operat jew gudizzju ta' Qorti jew Tribunal u dan peress illi appell minn provvediment bhal dan in kwistjoni hu eskluz. Din il-procedura mhix estensjoni tal-proceduri tal-ewwel Qorti izda procedura ad hoc biex jigi assikurat li parti ma tkunx sofriet pregudizzju. Din il-gurisdizzjoni residwali, skond il-gurisprudenza tal-Qorti f'diversi sentenzi fi proceduri anki naxxenti minn decizjonijiet ta' Tribunali hi intiza biex tissana:*

*a. nuqqas ta' tharis tal-principji ta' gustizja naturali;*

*b. ksur ta' xi dispozizzjoni tal-ligi fl-ghoti tad-decizjoni;*

*c. fejn il-gudikant agixxa ultra jew extra petita.*

*Ara f'dan is-sens Avukat Generali et vs Nicoli Magrin et, App 24/11/2017; Avukat Generlai vs Kap tas-Servizzi tas-Sigurta et, App 07/05/2010; Anthony Gatt vs Direttur tas-Sigurta Socjali, App Inf 13/01/2004).*

*………………*

*B'eccezzjoni ohra moghtija mill-konvenuti qed isostnu illi l-provvediment tat-30 ta' Marzu 2017 hu finali u l-atturi ma jistghux jergghu jqajmu l-mertu mill-gdid ghax dan mhux permess f'revoka ta' provvediment. Il-konvenuti fis-sottomissjonijiet taghhom jillimitaw din l-eccezzjoni ghall-intendiment tal-legislatur billi la darba l-ligi tipprovdi ghal provvediment finali bla appell, mhux lecitu ghal atturi li jergghu jqajmu l-mertu mill-gdid. Il-Qorti gia qieset illi l-azzjoni odjerna hi sui generis u kull revoka tista' titqies biss in linea mal-gurisdizzjoni residwali tal-Qrati taghna li jissanaw ingustizzja li tigi pruvata fil-parametri tal-principji msemmija fil-bidu ta' din is-sentenza.*

F'din l-istess sentenza kkwotat, intqal:

*Il-procedura indikata ghal parti aggravata hija talba ghal impunjazzjoni u revoka contrario imperio permezz ta' Rikors*

> *Guramentat fejn l-ezitu jkun sentenza, u minn liema sentenza hemm dritt ta' Appell normali mill-Qorti tal-Appell.*

Ir-Rikors hawnekk trattat u deciz certament illi ma jinkwadrax f'dawn il-parametri.

**GHALDASTANT**, ghar-ragunijiet u l-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, il-Qorti qed tghaddi sabiex tichad it-talba tas-socjeta' rikorrenti kif mressqa bir-rikors tat-13 ta' Gunju 2022 u tiddikjara illi l-procedura bir-rikors kif pprezentat hija inammissibbli.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**